# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA 28 T'OTTUBRU 2021

**Kawża Numru: 9**

**Rik. Ġur. 460/2014 RGM**

**Geom Developments Ltd.**
**(C 50805)**

**vs.**

**Citadel Insurance plc**
**(C 21550)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Geom Developments Ltd** ippreżentat fis-27 ta' Mejju, 2014 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija proprjetarja ta' sit fi Sqaq il-Hofra, Gharghur illi l-istess socjeta' rikorrenti bniet u zviluppat fi blokk ta' bini konsistenti fi 28 *unit* residenzjali, hanut u *lock-up garages.*

2. Illi x-xoghol ta' demolizzjoni, skavar u kostruzzjoni intrapriz mis-socjeta' rikorrenti biex zviluppat l-imsemmi sit fil-blokk ta' bini fuq deskritt kien kopert minn polza ta' assigurazzjoni tat-tip *Contractor's All Risk (CAR)* mahruga mis-socjeta' intimata (liema polza ta' assigurazzjoni ggib in-numru CIT/CAR/1178), liema polza kienet tinkludi wkoll *third party liability.*

3. Illi fil-kors tal-ezekuzzjoni ta' dawn ix-xogholijiet fit-23 ta' Marzu, 2011 kien sehh incident li b'rizultat tieghu kienu gew ikkagunati hsarat fil-proprjeta' ta' terzi, oltre illi hemm persuna illi qed tallega li sofriet danni b'rizultat ta' debilita' fizika, liema danni sal-lum ghadhomma gewx illikwidati.

4. Illi s-socjeta' rikorrenti kienet tat notifika immedjata ta' dan l-akkadut tramite l-*brokers* li bl-operat taghhom kienet giet ottenuta din il-koperatura, u cioe' Allcare Insurance Brokers, u anke sewwiet il-hsarat kollha li kienet giet ikkagunata fil-proprjeta' tat-terzi.

5. Illi l-ispiza globali inkorsa mis-socejta' rikorrenti biex sewwiet il-hsarat kollha kagjonati fil-proprjeta' tat-terzi tammonta ghas-somma ta' hamsin elf u tmenin Ewro u tmenin centezmu (€50,080.80).

6. Illi s-socjeta' rikorrenti tat ir-rendikont u l-informazzjoni shiha relattiva ghal din l-ispiza inkorsa biex issewwiet il-proprjeta' tat-terzi tramite l-istess *Allcare Insurance Brokers.*

7. Illi minkejja li s-socejta' intimata giet debitament interpellata diversi drabi sabiex tirrizaercixxi lis-socjeta' rikorrenti l-imsemmija somma ta' hamsin elf u tmenin Ewro u tmenin centezmu (€50,080.80) in vista tal-polza t'assigurazzjoni fuq imsemmija, u dan anke permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Mejju, 2013, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk is-socjeta' intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti -:

(i) Prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi a tenur tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *Contractor's All Risk (CAR)* mahruga mis-socjeta' intimata a favur tas-socjeta' rikorrenti, liema polza ta' assigurazzjoni ggib in-numru CIT/CAR/1178, is-socjeta' intimata hija obbligata li thallas u tirrizarcixxi lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' hamsin elf u tmenin Ewro u tmenin centezmu (€50,080.80) rapprezentanti l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' rikorrenti biex jissewwew il-hsarat ikkawzati fil-proprjeta' ta' terzi b'konsegwenza tal-incident li sehh fit-23 ta' Marzu, 2011 waqt l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet edilizzji fis-sit li jinsab fi Sqaq il-Hofra, Gharghur; u

(ii) Tikkundanna lis-socejta' intimata biex thallas u tirrizarcixxi lis-socjeta' rikorrenti l-imsemmija somma ta' hamsin elf u tmenin Ewro u tmenin centezmu (€50,080.80).

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data meta tali spejjez gew inkorsi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta ġuramentat tas-soċjetà Citadel Insurance plc** ippreżentata fid-19 ta' Ġunju, 2014, fejn jingħad kif ġej:

<u>Dwar il-Fatti</u>

1. Illi l-fatti kif dedotti fl-ewwel tlett premessi tar-rikors guramentat mhumiex kontestati mill-esponenti;

2. Illi il-bqija tal-fatti dikjarati mill-attrici huma kontestati. Jirrizulta li s-sinistru gara waqt li kien qieghed isir thaffir fil-linja divisorja b' ingenji mekkanici u dan wasal sabiex ceda il-blat li kien hemm fil-linja divizorja

ta' bejn il-proprjetajiet b'mod li parti tal-proprjeta tat-terz cediet. Jidher li x-xogholijiet saru b' mod irresponsabbli. Sussegwentement jirrizulta li l-atturi qabdu u ghamlu xogholijiet minghajr ma hadu l–awtorizzazzjoni tas-scojeta attrici. Ma huwiex car meta saret in-notifika tas-sinistru u lil min u lanqas ma hu car ezattament x' gara wara. Illum irrizulta li x-xogholijiet li l-attrici ghamlet bil-ghagla ma kienux skont is-sengha u l-arti u ser ikollhom isiru mill-gdid. Irrizulta ukoll li l-attrici kissret warranty li tat fuq il-polza u ghalhekk tilfet kull kopertura li setghet kellha ghall-incident. Jirrizulta fi kwalsiasi kaz li s-sinistru in kwistjoni xorta ma kienx kopert bil-polza u dan b' applikazzjoni ta' diversi kundizzjonijiet esprressi tal-polza. Fi kwalsiasi kaz, u ghall-kompletezza jirrizulta li s-socjeta attrici baghqet ma taghatx l-informazzjoni mehtiega lill-assikuratrici. Ma tathiex ircevuti jew certifikati u ghalhekk ukoll poggiet lill-assikuratrici f' sitwazzjoni fejn ma setghetx possibbilment tikkunsidra il-claim anke kieku wiehed kellu jinsa il-problemi li jitwieldu mill-ksur tal-kundizzjonijiet u tal-warranty.

**Eccezzjonijiet**

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti ghandhom is-segwenti eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici:

1. illi li l-attrici ma hi intitolata ghal ebda kopertura taht il-polza billi kissret il-klawsola tal-Warranties: Policy Endorsement 10/11 Warranty: Loss Control Measures u partikolarment is-subklawsola (ix) li tghid: "*the demolition work in the vicintity of the party walls is to be carried out manually with hand held machinery such as circular saws or electric jiggers and care should be taken while removing elements so that they do not fall into or damage third party property*."Jirrizulta li x-xogholijiet kienu qed isiru b' mezzi tqal u mekkanici b' mod li ma jistghax ma jigix deskritt bhala irresponsabbli.

2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz x-xogholijiet rimedjali mwettqa mill-assikurat fuq il-properjeta ta' terzi ma

humiex koperti bil-polza billi l-assikurat qabad u ghamilhom minghajr (i) l-awtorizzazzjoni tal-assikurazzjoni u (ii) minghajr ma kien misjub responsabbli ghad-danni in kwistjoni b' sentenza ta' Qorti Maltija kif rikjest mill-polza.

3. illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kumpannija eccipjenti ma hijiex marbuta taghmel il-hlasijiet mitluba mill-attrici u il-hsara reklamata ma hijiex koperta mill-polza dan stante li

3.1. b' applikazzjoni tal-<u>Policy Endorsement 7/11 – Vibration, Removal or Weakening of support</u> u partikolarment "*the Insurers will not indemnify the Insured in respect of liability for: ... loss or damage which is foreseeable having regard to the nature of the construction work or the manner of its execution*."

3.2. b' applikazzjoni tal-<u>Policy Endorsement 15/11 – Exclusion of Subsidence, landslip and landslide</u>;

4. Illi fi kwalsijasi kaz, minghajr pregudizzju ghas-suespost stante illi minkejja li r-rikorrenti jghidu li wettqu x-xogholijiet rimedjali mehtiega fil-proprjeta tat-terz, huma ghamlu dan minghajr ma stennew l-awtorizzazzjoni min-naha tal-esponenti u intant qabel ma' l-esponenti bhala l-kumpannija assikuratrici setghet tevalwa d-danni u tiehu stima tal-valur taghhom u / jew taghti l-istruzzjonijiet mehtiega. Dan l-agir seta ppregudika lill-assikuratrici u *dan* kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza.

5. Illi l-attrici ma haqqha ebda hlas in konnessjoni max-xogholijiet maghmula lit-terz ghaliex kif ser jirrizulta dawn ix-xogholijeit saru hazin hafna u bil-ghagla b' mod li jridu jergghu jsiru u filfatt it-terz dannegjat ipprezentat talba lill-esponent ghar-rizarciment tal-hsarat materjali li suppost gew riintegrati mill-attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza.

6. Illi ghandu jinghad ghall-kompletezza li l-attrici naqqset ripetutament milli taghti rendikont shih, dettaljat u fidil tax-xogholijiet li

saru u l-ispejjez I nkorriet u dan minkejja korrispondenza folta f' dan is-sens u ghalhekk ma hallietx lill-esponenti bhala assikuratrici taghmel l-analizi mehtiega tal-claim li saret mill-assikurat. Dan ovvjament jinghad minghajr pregudizzju ghas-suespost.

7. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-kawża;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mis-soċjetà attriċi fid-29 ta' Marzu 2021[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fl-4 ta' Mejju 2021[2];

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Is-soċjetà attriċi fis-sena 2011 kienet propjetarja ta' art fi Sqaq il-Ħofra, Għargħur liema art ġiet żviluppata fi blokk konsistenti fi 28 appartament, garaxxijiet u ħanut. Ix-xogħol ta' demolizzjoni, skavar u kostruzzjoni kien kopert minn polza t'assigurazzjoni mas-soċjetà konvenuta tat-tip *Contractors' All Risk* (*CAR*) liema polza kienet tinkludi wkoll *third party liability.* Din il-polza kienet ġiet miksuba tramite l-aġent u ċioe Allcare

[1] Paġna 462 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 481 et seq tal-proċess.

Insurance Agency Ltd. Fl-24 ta' Marzu 2011[3], waqt ix-xogħlijiet, kien seħħ inċident li ikkaġuna ħsarat fil-proprjetà ta' terzi, u ċioe fil-fond ta' Maria Vella. Dawn il-ħsarat ġew imsewwija mis-soċjetà attriċi, liema ħsarat allegatament kienu jammontaw għal ftit aktar minn ħamsin elf ewro. Is-soċjetà attriċi informat lill-aġent b'dan l-akkadut qabel saru t-tiswijiet meħtieġa u allegatament tat lill-istess soċjetà r-rendikonti u l-informazzjoni sħiħa relattiva għall-ispejjeż inkorsi. Nonostante li s-soċjetà konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tirriżarcixxi lis-soċjetà attriċi, l-istess baqgħet inadempjenti u kien għalhekk li s-soċjetà attriċi għaddiet sabiex intavolat il-proċeduri odjerni.

Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha tispjega li għalkemm huwa minnu li saru xi ħsarat, jidher li l-ħsara saret waqt li kien qiegħed isir xogħol ta' tħaffir fil-linja diviżorja b'inġenji b'mod irresponsabbli, liema xogħol wassal sabiex ċeda l-blat li kien hemm fil-linja diviżorja u konsegwentement ċediet parti mill-proprjetà ta' terzi. Ix-xogħlijiet fil-proprjetà ta' terzi saru mingħajr ma ħadu l-awtorizzazzjoni tas-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta tispjega li m'huwiex ċar meta u min ġie notifikat bil-ħsarat. Tispjega wkoll li x-xogħlijiet li saru fil-proprjetà ta' terzi jidher li saru bl-għaġġla u mhux skont is-sengħa u l-arti tant li kellhom isiru mill-ġdid. Skont is-soċjetà konvenuta, is-soċjetà attriċi kissret garanzija li kienet tat fuq il-polza u għalhekk wassal sabiex tilfet kull kopertura li setgħet kellha għall-inċident. In oltre jirriżulta wkoll li l-ħsarat li saru fuq il-proprjetà ta' terzi ma kienux koperti bil-polza u dan b'applikazzjoni ta' diversi kundizzjonijiet espressi fil-polza stess.

Ikkunsidrat;

**Provi.**

Xehed permezz t'affidavit **Raymond Grixti**, *Project Manager* ma' *GAP Group of Companies* illi tagħha tifforma parti s-soċjetà attriċi. Spjega li

[3] Data meħuda mir-rapport li sar mill-Pulizija li jinsab f'paġna 176 et seq tal-proċess.

huwa kien responsabbli bħala *project manager* li jieħu ħsieb tinħareġ polza t'assigurazzjoni u fil-fatt wara li ppreżenta *proposal form* fid-29 ta' Diċembru 2010 lil Allcare Insurance Agenecy Limited bħala l-aġent tas-soċjetà konvenuta, liema proposta kienet tinkludi kopji tal-pjanti, ritratti tas-sit, *method statement* ta' kif kien ser isir ix-xogħol u *Construction Mangement Plan*, is-soċjetà Allcare ħarġu polza ta' assigurazzjoni għal perjodu ta' 24 xahar li jibda mill-25 ta' Jannar 2011. Din il-polza kienet tal-għamla *Contractors' All Risk* li tinkludi ħsarat lil terzi sa ammont massimu ta' €2,000,000. Bħala proġett jispjega, li l-ewwel kellha titwaqqa' dar, liema dar kienet tmiss ma' garaxx ta' terzi. Ix-xhud jispjega li l-imsemmi garaxx

> "kien in parte mibni fuq hajt tas-sejjiegh u ghalhekk, bhala mizura ta' prekazzjoni *over and above*, kien ibena hajt tul il-parti kollha tal-*garage* li kienet mibnija fuq il-hajt tas-sejjiegh, biex din tiehu l-piz tas-saqaf. Barra minn hekk, peress illi l-hajt tal-gardin [...] kien mibni fuq saff irqiq ta' konkos imma tahtu kien hamrija [...] tellajna hajt iehor madwar 1.8 metri 'il gewwa f'dan il-gardin proprjetà taghha bhala prekazzjoni addizzjonali ghal waqt ix-xoghol tal-iskavar peress illi konna se niskavaw is-sit fil-parti fejn imiss ma' dan il-hajt tal-gardin."[4]

Ix-xhud spjega li x-xogħol ta' demolizzjoni tlesta mingħajr ebda problemi ta' xejn. Is-sit tnaddaf mill-materjal li twaqqa' kif ukoll tneħħiet il-ħamrija sa ma nkixef il-blat. Kien imiss li jibda x-xogħol tal-iskavar. Jgħid li huwa kien ikun preżenti waqt ix-xogħlijiet. Jgħid ukoll li fl-24 ta' Marzu 2011 seħħ inċident fil-parti tas-sit li tmiss mal-ħajt tal-ġardina ta' terzi. L-inċident seħħ meta x-xogħol ta' tqattigħ tal-blat kien ilu għaddej diversi ġimgħat u kienu tqattgħu madwar 4 metri. Ix-xhud spjega li dak in-nhar tal-inċident kien hemm dik li tissejjaħ 'brama' li tkun bħal qatgħa fil-blat li normalment tkun f'angolu ċatt però f'dan il-każ kienet tinsab wieqfa. Jgħid ukoll li sakemm waslu sa dak il-livell ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li kien hemm din il-brama. Ġara li din il-'brama' nqalgħet

---

[4] Paġna 20 tal-proċess.

kollha u ġibdet magħha l-ħajt tal-ġardina inkluż il-ħajt ta' prekawzjoni li kien inbena mis-soċjetà attriċi. Din il-'brama' affettwat ukoll in-naħa ta' wara tal-pedament tal-garaxx b'mod li ġie espost għal periklu illi jaqa'. Jgħid li dak inhar tal-inċident huwa ma kienx fuq il-post iżda ġie informat mill-ħaddiema li kienu qegħdin jagħmlu x-xogħol. Ix-xhud spjega li mar fuq il-post u sab lill-membri tal-Korp tal-Pulizija kif ukoll uffiċċjali tal-Protezzjoni Ċivili u aktar tard kienu marru fuq il-post esperti nominati mill-Qorti tal-Maġistrati peress li kienet infetħet inkjesta maġisterjali. Jgħid li fost l-esperti kien mar il-Perit Mario Cassar li kien ta struzzjonijiet biex jitwaqqaf ix-xogħol b'mod immedjat. Jgħid li kien biss wara li inkiseb permess mill-Qorti wara xi żmien illi x-xogħol tkompla. Ix-xhud jinsisti li dan l-inċident ma seħħx waqt id-demolizzjoni iżda waqt it-tqattigħ tal-blat. Jgħid li kien il-Perit Cassar li fil-fatt issuġġerixxa li l-garaxx jinħatt u jiġi rikostruwit. Spjega li huwa kien ipprepara stima tal-ispejjeż illi kienu ser jiġu inkorsi sabiex isiru x-xogħlijiet u kien għadda din l-istima lil Allcare. Ix-xhud jgħid li x-xogħol li kien pjanat li jsir u li fil-fatt sar kien jinkludi xogħol ta' demolizzjoni u skavar sal-livell tal-blat sabiex il-garaxx ikun jista' jinbena fuq pedament sod, konkrit u qatran fil-pedamenti, kostruzzjoni tal-garaxx, u *finishes* (li jinkludu sistema ta' dawl ġdida, kontrabejt, kisi u żebgħa, aperturi tal-aluminju u l-bieb tal-garaxx). Jgħid li x-xogħlijiet saru bi qbil mal-Perit nominat minn Maria Vella stess. L-istima inkluż VAT kienet ta' €37,325.65[5]. Jgħid li din l-istima kienet tinkludi fiha wkoll il-bini mill-ġdid tal-ħajt tal-ġardina. Spjega li s-Sinjura Vella riedet li l-bieb tal-garaxx ikun wieħed li jinfetaħ awtomatikament kif ukoll riedet li jkun miksi bil-madum. Ix-xhud jgħid li qabel saru l-ħsarat, il-garaxx kien jingħalaq b'mod manwali u ma kienx miksi bil-madum u kien għalhekk li ħadu parir mill-aġent li kienet informathom li kellu jkun iffinixxjat kif kien qabel seħħ l-akkadut u għalhekk b'garaxx jinfetaħ b'mod manwali u jkun miksi bil-konkos flok madum. Ix-xhud jgħid li l-ispejjeż effettivament ammontaw għal €50,080. Ix-xhud jispjega li hemm differenza sostanzjali bejn l-istima u dak li effettivament tħallas peress li

---

[5] Stima datata 27 t'Awwissu 2011 tinsab anness ma' korrispondenza li bagħat Raymond Grixti lis-soċjetà Allcare fil-5 ta' Settembru 2011 – paġna 115 et seq tal-proċess. Ma' dik l-istima għandhom jiġu inklużi wkoll spejjeż għal *finishes* fis-somma ta' €5,550 – paġna 123 tal-proċess.

saru xogħlijiet li ma kienux previsti. Jispjega li sabiex bdnw il-garaxx kif suppost, huma kellhom iqattgħu iżjed milli kien previst sakemm issaffiet il-'brama' u waslu sal-livell ta' blat tajjeb. Jgħid li imbagħad kellhom jitqegħdu numru ta' blokki ta' konkrit daqs ta' metru kubu sakemm telgħu sal-livell tal-garaxx. Il-kuntratti li għamlu x-xogħlijiet tħallsu mis-soċjetà attriċi. Jgħid li meta tlesta x-xogħol kollu u kellu f'idejh konferma tal-ispejjeż huwa bagħat il-kontijiet lil Allcare u talbet li jinħareġ il-ħlas. Huwa spjega li Allcare dejjem irrikonnoxxiet li Geom kellha titħallas però Allcare kienet teħtieġ l-awtorizzazzjoni minn Citadel. Minkejja li saru diversi laqgħet is-soċjetà attriċi baqgħet qatt ma rċeviet il-ħlas għaliex is-soċjetà konvenuta m'awtorizzatx il-ħlas.

Xehed permezz t'affidavit **Ramon Mizzi**, Group Head ma' Allcare Insurance Agency Ltd. Fl-affidavit tiegħu jikkonferma li s-soċjetà attriċi kienet avviċinatu sabiex issir polza għal xogħlijiet li kienu ser isiru ġewwa Għargħur, liema polza eventwalment inħarġet b'effett mill-25 ta' Jannar 2011. Jispjega li l-polza kienet tkopri wkoll *third party liability* b'limitu ta' €2,000,000. Il-polza kienet tkopri perjodu ta' 24 xahar. Spjega li biex inħarġet il-polza t'assigurazzjoni, is-soċjetà attriċi kienet ippreżentat *proposal form* flimkien mad-dokumentazzjoni inkluż rapport dettaljat tax-xogħlijiet illi kellu jsir, kif ukoll *Construction Management Plan* imħejji minn JB Architects. Dawn id-dokument ingħaddew lil Citadel Insurance plc u a bażi tagħhom inħarġet il-polza tal-assigurazzjoni. Fl-24 ta' Marzu 2011 Allcare ġiet notifikata mingħand is-soċjetà attriċi li kien seħħ inċident waqt li kien qiegħed isir xogħol ta' skavar. Ix-xhud kompla jispjega hekk:

> "Allacare bhala l-agenta ta' Citadel kellha fl-agency agreement li kien fis-sehh bejn iz-zewg partijiet dak li jisejjah *claims handling and settling Authority* u ghalhekk, meta rcevejna dan it-taghrif illi kien sehh dan l-incident, konna appuntajna lid-ditta Hayes & Pike bhala *loss adjustors* sabiex ihejju rapport dwar dan l-incident u d-danni u hsarat illi kien hemm."[6]

[6] Paġna 24 tal-proċess.

Spjega li fit-28 t'April 2011 irċevew ir-rapport ta' Chris Hayes li minnu irriżulta li l-inċident kien ta' ċertu portata fejn id-danni kienu sostanzjali. Jgħid li kien għalhekk li fl-4 ta' Mejju 2011, Jacqueline Tanti Zahra, impjegata ta' Allcare bagħtet email lil Antoine Frantz, impjegat ta' Citadel fejn ġie informat bil-*claim* li saret minn Geom u annettiet ma' dik il-korrispondenza elettronika kopja tar-rapport ta' Chris Hayes. Ix-xhud jirreferi għar-rapport b'mod partikolari fejn kien jipprovdi li "*In the circumstances and in the absence of any other conditions or clauses that may frustrate policy cover, we are of the view that policy liability appears to have been engaged"*. Ix-xhud spjega li meta Allcare innotifikat lil Citadel bil-*claim* u għadditilha r-rapport preliminari ta' Chris Hayes, is-sit in kwistjoni ma kienx mittiefes peress illi kienet infetħet inkjesta u kienet għada għaddejja. Ix-xhud jgħid li minkejja dan, Citadel m'għamlet xejn biex tagħmel xi verifiki min-naħa tagħha dwar ir-rapport li kien ħejja Chris Hayes. Ix-xhud spjega li l-post li fih saru l-ħsarat kien jintuża bħala sala għal ċerti funzjonijiet. Jgħid li kien hemm kwistjoni fejn terzi kienu qed jirreklamaw danni peress illi huma kellhom prenotazzjonijiet biex jagħmlu xi festini f'din is-sala u minħabba dan l-akkadut, ma setax isir użu għal funzjonijiet. Spjega li Chris Hayes kien ħa konjizzjoni ta' dawn iż-żewġ *claims* u kien irrakkomanda li jsir il-ħlas u għalhekk Allcare bħala l-aġent ta' Citadel ħallset lil dawn it-terzi. Jikkonferma l-affidavit tiegħu li s-soċjetà attriċi kienet għadditilhom stima tal-ispejjeż. Jikkonferma wkoll li din l-istima kienet ingħatat lis-soċjetà Citadel u talbet dikjarazzjoni mingħand Citadel illi huma kienu qegħdin jaċċettaw il-*claim* u li kienet koperta bil-polza. Jgħid li Citadel qatt ma tat konferma fuq l-istima mibgħuta. Jispjega li Citadel bdiet tqajjem l-argument li Allcare kienet damet biex tinnotifikahom bil-*claim* u bl-inċident. Jgħid li kien diżappuntat b'dan meta id-dewmien kien min-naħa ta' Citadel. Jgħid li l-kwistjonijiet li seta' kellhom bejniethom ma kellix taffettwa lil Geom. Ix-xhud spjega li wara li tkompla x-xogħol, Allcare reġgħet talbet konferma mingħand Citadel sabiex ikun jista' jsir il-ħlas lil Geom. Citadel kompliet ittawwal u bdiet titlob għal ktar affarijiet. Qal li Geom kompliet tinsisti ma' Allcare

għal ħlas "għaliex kellha dritt li titlob dan il-hlas skond il-polza"[7] iżda huma ma kellhomx alternattiva oħra ħlief jinformawha li ma setgħux joħorġu l-ħlas għaliex ma kienx hemm awtorizzazzjoni minn Citadel. Ix-xhud ħalef li fl-iskambju li kien sar bejn Allcare u Citadel, ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni min-naħa ta' Citadel fuq l-ispejjeż tax-xogħlijiet li kienu saru. Jgħid li huwa ġie informat minn Geom li kienu ppreżentaw ittra uffiċċjali u li r-risposta għaliha minn Citadel kienet li m'humiex obbligati li jonoraw il-polza peress li ma kinux ġew mogħtija l-informazzjoni meħtieġa. Ix-xhud jinnega li dak kien il-każ u jikkonferma li Citadel ingħatat l-informazzjoni kollha li riedet.

Xehed **Steve Bugeja**, direttur tal-kumpanija Lightning Solutions Limited. Jikkonferma li Geom kienet tathom appalt biex jagħmlu xogħol kollu relattiv għall-elettriku u *plumbing* fi proġett ta' żvilupp ġewwa Għargħur. Jispjega li l-kumpanija tiegħu kienet ġiet imqabbda wkoll tagħmel ix-xogħol kollu ta' dawl u ilma fil-garaxx li ġarrab ħsarat bl-inċident li kien sar fuq is-sit tas-soċjetà attriċi. Ix-xogħol sewa €1,400 u dan il-prezz tħallas minn Geom.

Xehed **Victor Fenech**, direttur tal-kumpanija VACF Limited li tagħmel xogħol ta' tikħil u tibjid. Jgħid li Geom kienet tathom xogħol t'appalt sabiex jagħmel ix-xogħol relattiv ta' tikħil u tibjid fil-proġett li ta' żvilupp fil-Għargħur. Spjega li l-kumpanija tiegħu kienet ġiet imqabbda tagħmel xogħol ta' tikħil u tibjid fil-garaxx li kien ġarrab ħsarat. L-ispiża kienet ta' €2,700 u dan il-prezz tħallas minn Geom.

Xehed ukoll **Michael Balzan** li kkonferma li kien ġie mqabbad minn Geom sabiex jagħmlu u jinstallaw bieb ta' garaxx. Jikkonferma li dan kien bieb li jinfetaħ manwalment u l-prezz ta' dan kien ta' €400, liema somma tħallset minn Geom.

[7] Paġna 26 tal-proċess.

Xehed permezz t'affidavit ukoll **Samuel Bugeja**, direttur tas-soċjetà Carin Construction Limited. Jispjega li l-kumpanija kienet ġiet inkarigata minn Geom sabiex tagħmel xogħol ta' bini ta' ħitan permezz ta' blokki tal-konkrit sal-livell tal-pedament, bini ta' ħajt tal-ġardina li kien waqa', bini tal-garaxx inniffsu li jinkludi s-saqaf u l-kontrabejt kif ukoll l-art tal-garaxx tal-konkrit u l-art tal-ġardina. Jaħlef li l-prezz globali għal dan ix-xogħol kien ta' €44,534.80 liema somma ġiet imħallsa minn Geom.

Xehed **Grazio Caruana** li jaħdem mad-ditta Victoria Aluminium. Jispjega li kien ġie inkarigat mis-soċjetà Geom sabiex jimmanifattura u jinstalla żewġt itwieqi u bieb illi l-prezz tagħhom kien ta' €600. Jikkonferma li din tħallset minn Geom.

Permezz t'affidavit xehed ukoll **George Muscat**, direttur tas-soċjetà attriċi, f'liema affidavit wieħed isib l-istess affarijiet li intqal minn Raymond Grixti.

Xehed **Mark Attard**, ħaddiem fit-taqsima tal-*accounts* mas-soċjetà attriċi. Dwar l-inċident li seħħ Għargħur jikkonferma li s-soċjetà attriċi ħallset *in full and final settlement* lill-kuntratturi kollha li kienu ħadmu fil-bini u tlestija tal-garaxx ta' Maria Vella. Jgħid li twaqqigħ tal-garaxx, skavar u bini tal-pedamenti saru minn Ballut Blocks Ltd, il-bini mill-ġdid tal-garaxx sar minn Carin Construction Ltd, xogħol tal-elettriku sar minn Lightning solutions, xogħol ta' kisi u tibjid minn barra u minn ġewwa sar minn Swileh Mohamed, xogħol ta' aluminju sar minn Victoria Aluminium u l-bieb tal-garaxx sar minn Michael Balzan Ltd.

Waqt is-seduta tal-11 ta' Ġunju 2015 xehed **Joseph Avellino**. Jgħid li bejn Ġunju 2010 u Ottubru 2011 huwa kien jokkupa l-kariga ta' *Chief Executive Officer* mas-soċjetà konvenuta. Dwar il-każ in kwistjoni, ix-xhud jikkonferma li huwa kellu involviment billi attenda għal xi laqgħat li kienu qegħdin isiru bejn ir-rappreżentanti ta' Citadel u l-aġent, Allcare Insurance Agency Limited. Jgħid li l-klijent, Geom kien klijent importanti peress li kellu diversi proġetti kbar. Jiftakar li waqt li kien qiegħed isir xogħol ta'

tħaffir ġewwa l-Għargħur kienet saret ħsara fuq propjetà ta' terzi. Jgħid li Geom fetħet *claim* ma' Allcare li għaddieta lil Citadel. Jgħid li dwar dan il-każ kellu laqgħa ma' Judith Galea, CEO tas-soċjetà Allcare u ma' Ramon Mizzi, Group Head. Jgħid li waqt din il-laqgħa "kien deciz li kien inċident normali li jigi kopert taht il-polza."[8] Jgħid li jiftakar li kien hemm xi diżgwid dwar jekk ir-riċevimenti li kienu ser isiru fis-sala tat-terza persuna li sofriet id-danni kinux koperti bil-polza t'assigurazzjoni. Jgħid li min-naħa tiegħu huwa kien ta direzzjoni li għandhom isiru l-ħlasijiet għal dawk ir-riċevimenti liema ħlasijiet kienu baxxi. Fir-rigward tal-ħlasijiet għad-danni li sofriet it-terza persuna, ix-xhud jgħid li huwa kien tal-fehma li dawk kienu koperti bil-polza u milli jiftakar ir-rapport tal-*loss adjudicator* kien jgħid hekk ukoll[9].

In kontro-eżami jgħid li wara li waqaf jaħdem ma' Citadel huwa mar jaħdem ma' Allcare imbagħad ma' Argus. Ix-xhud jgħid li ma jiftakarx jekk kienux saru verifiki jekk ix-xogħlijiet kienux saru sew, jgħid li mhux normali li jitqabbad perit.

Waqt is-seduta tal-1 ta' Ġunju 2016 xehed il-**Perit Joseph Bondin**, il-Perit li kien kiseb il-permess biex isir l-iżvilupp fil-post fejn seħħ l-inċident. Jgħid li huwa ma kienx ikun fuq il-post għaliex fuq il-post kien ikun hemm nies tas-soċjetà attriċi stess li għalkemm mhux periti għandhom esperjenza kbira. Jikkonferma però li Jonathan Schembri[10] huwa perit. Ix-xhud spjega li l-blat ma kienx tal-qawwi iżda globiġerina ċioe li jista' jitqatta' u mhux żonqor. Jgħid li l-iżvilupp kien jeħtieġ madwar tlett metri tqattigħ tal-blat fuq 700 metri kwadri. Jispjega li filwaqt fuq in-naħa tal-lemin tal-plot ma kienx hemm bini iżda fuq in-naħa tax-xellug kien hemm *drive-in*, garaxx u ġnien. Il-perit spjega li qabel beda tħaffir, sar rapport mill-Perit li kien bagħat hu u peress li l-bini kien ser isir fuq blat iebes u mhux blat meqjus artab, ma raw li ser ikun hemm l-ebda problema. Jispjega li però li darba kien qiegħed isir ix-xogħol madwar erba' jew ħames metri 'l bogħod mill-

[8] Paġna 52 tal-proċess.
[9] Paġna 54 tal-proċess.
[10] Qatt ma tela' jixhed.

ħajt diviżorju, kien hemm brama li kawżat l-inċident fejn il-blata niżlet. Ix-xogħol twaqqaf. B'dan l-inċident saret ħsara fil-garaxx u minħabba anke raġunijiet ta' sigurtà, il-garaxx eventwalment inħatt u reġa' inbena. Jispjega li saru pedamenti u saru *piles* tal-ħadid u konkos.

In kontro-eżami jikkonferma li kien George Muscat, direttur tal-kumpanija attriċi li kienet inkarigatu. Ma jiftakarx jekk kienx sar *method statement* però jgħid li jekk sar dan kien wieħed sempliċi għaliex kull ma ried huwa li titneħħa l-ħamrija u jitqatta' l-blat. Għalkemm ma jiftakarx x'inġenji kienu qegħdin jintużaw jikkonferma li tqattigħ tal-blat ma sarx bl-idejn u dan peress li l-blat kien wieħed iebes u għalhekk kellu jintuża inġenji addattati għalih. Jgħid li dak inhar li seħħ l-inċident huwa ma kienx fuq il-post, iżda kien mar xi ġurnata wara. Jgħid li għalkemm ma jiftakarx bi preċiżjoni kemm kien ilu għaddej ix-xogħlijiet qabel sar l-inċident, il-Perit jgħid li minn dak li jiftakar kien sar 25% tat-tħaffir. Jikkonferma li x-xogħol tat-tħaffir kollu kellu jsir bl-istess inġenji, però jgħid li hija għad-diskrezzjoni tal-kuntrattur li juża inġenji oħra jekk iħoss il-ħtieġa. Meta ġie mistoqsi jekk qattx sarlu ilment minn Maria Vella li x-xogħol tal-bini tal-garaxx ma sarx sew, ix-xhud jgħid li ma kienx il-każ.

Xehed il-**Perit Mario Cassar** li ħalef ir-rapport li ppreżenta fl-atti tal-inkjesta maġisterjali. Kopja tar-rapport ġie ukoll ippreżentat f'din il-kawża. Fih hemm imniżżel li fuq il-post li seħħ l-inċident kien hemm tlett biċċiet ta' makkinarju ta' skavar u tqattigħ tal-blat u ċioe

1. *Excavator* bir-*ripper* (himac)
2. Gaffa,
3. *Wheel excavator* bil-musmar li kien ipparkjat in-naħa l-oħra fejn ikkollasa l-ħajt.

Fir-rapport il-Perit niżżel li "kienet thalliet distanza ta' madwar 80 centimetru ta' blat mhux imqatta minn mal-hajt tal-garaxx tal-vittma u minn mal-hajt li waqa tad-drive in li kien jifred il-propjetajiet."[11] Spjega ukoll li skont il-*method statement* tal-Perit Bondin, kellu jintuża *trencher*

[11] Paġna 230 tal-proċess.

iżda il-Perit tal-Qorti jgħid li jidhirx li dik intużat bil-mod kif jidher li kien imqatta' l-blat. Il-Perit espert tal-Qorti fil-fatt jgħid li "huwa tal-fehma illi l-*excavator* ma kienitx postha f'dak il-lok. Xogholha kellu jaghmlu t-*trencher*."[12] Ġie spjegat fir-rapport li l-blat iġġarraf minħabba xi vibrazzjonijiet tal-makkinarju jew xi tentattiv ta' *trimming* bir-*ripper* tal-istess minn kif tindika l-pożizzjoni tal-*excavator*. Jgħid li għal xi raġuni, is-selħa fil-ħajt, żelqet minn mal-bqija tal-blat bil-konsegwenza li waqgħu l-ħitan kemm dak li kien jifred iż-żewġ fondi, il-ħajt temporanju li kien inbena u wkoll biċċa mill-art tal-konkos tad-*drive* in u l-materjal ta' taħtu.

Xehdet **Judith Galea**, ex-CEO ta' Allcare Insurance Agency li kien aġent ta' Citadel. Tispjega li s-soċjetà attriċi kellha diversi assigurazzjonijiet fuq proprjetajiet kif ukoll assikurazzjonijiet ta' *Contractors' All Risks* mas-soċjetà konvenuta. Tikkonferma li kienu ġew avviċinati mis-soċjetà attriċi li ser jagħmlu żvilupp ta bini ġewwa l-Għargħur. Tgħid li huma talbu l-*method statement* tal-perit. Tispjega li bħala aġent irreferewh lis-soċjetà Citadel li aċċettat li tieħu r-riskju. Ingħatat stima u inħarġet il-polza. Tiftakar li darba minnhom irċeviet telefonata hi personalment fejn biha kienet ġiet informata li kkollassa biċċa mill-ġnien tal-proprjetà adjaċenti tal-iżvilupp. Tispjega li malli ġiet informata, inkarigaw *Loss Adjusters* Hayes and Pike li imbagħad iqabbdu perit sabiex jassistihom u jmorru fuq il-post. Tgħid li marru fuq il-post dak inhar stess tal-inċident. Tispjega li xi sitt ġimgħat wara irċevew ir-rapport m'għand Hayes and Pike. Hekk x'ħin raw il-ħsara materjali u f'ix kien jikkonsisti dan l-inċident, huma nformaw lil Citadel bir-rapport. Qalet li Citadel min-naħa tagħha bdiet tgħid li kien hemm dewmien u li l-klijent kien kiser il-kundizzjonijiet tal-polza għax ma notifikawhomx fil-ħin. Ix-xhud tinsisti li n-notifika saret fil-fatt dak inhar stess li seħħ l-inċident u n-notifika lilhom bħala l-aġenti, li kienu qegħdin jaġixxu għan-nom tal-prinċipal u għalhekk notifika lill-aġent ifisser notifika lill-assigurazzjoni prinċipali. Tgħid li kien hemm ħafna dibattiti fuq dan il-punt tant li kienu talbu li jagħmlu laqgħa ma' Joe Avellino li dak iż-żmien kien CEO tas-soċjetà konvenuta. Il-laqgħa saret fit-8 t'Awwissu

[12] Paġna 231 tal-proċess.

2011. Tispjega li wara li ra l-*file* huwa bagħat jinformahom li "*Depsite Citadel's reservations concerning the wording of this policy, Citadel will consider this claim favourably for commercial reasons.*". Tgħid li b'din l-*email* Allcare fehmet li l-każ kien magħluq. Ġara iżda li wara xhur inbidel is-CEO, huma bħala Allcare staqsew x'kienet ir-raġuni għalfejn ma sarx il-ħlas. Tgħid li kien irrispondiha ċertu Lino Ciantar, li kien informaha li l-*claim* trid titla' *Claims Committee* u dan meta kienet diġà għaddiet sena. Tgħid li Lino Ciantar kien qalilhom li riedu jqabbdu perit. Spjegat li hi kienet informatu li Perit kien diġà mar fuq il-post u anke kien mar *Loss Adjuster* li kien jaħdem bih is-suq kollu inkluż Citadel. Meta ġie mistoqsi jekk Citadel kinitx fil-fatt nominat Perit, ix-xhud tgħid li kienu ġew informati li ġie appuntat perit, iżda min kien ma qalulhomx u lanqas għaddewlhom rapport. Tgħid li f'punt minnhom ukoll Citadel bdiet tipprova twaqqa' kollox fuq id-distanza tal-iskavar mill-post li ġġarraf. Ix-xhud tispjega li fil-verità l-polza tkopri dak li jkun hemm fil-*method statement*, liema *statement* tkun ingħatat lil Citadel qabel tinħareġ stima tal-polza. Tikkonferma li kien hemm kommunikazzjoni bejn Allcare u Citadel sabiex isir il-ħlas. Tispjega li x-xogħlijiet li saru sabiex issewwew il-ħsarat kienu saru mis-soċjetà attriċi. Tagħmel aċċenn għal fatt li kien il-*Loss Adjuster* stess li fir-rapport tiegħu kien irrakkomanda li l-*claim* titħallas.

In kontro-eżami miżmum fl-24 ta' Settembru 2020 spjegat li Allcare bħala aġent setgħu jissettiljaw *claims* sa ċertu ammont iżda meta jaqbżu dak l-ammont imbagħad jitkomplew mis-soċjetà Citadel. Tgħid li l-ammonti x'kienu però ma tiftakarhomx. Ix-xhud spjegat li meta jsir l-akkadut huma ma jkunux jafu kemm ser tkun il-*claim* iżda tgħid li meta jsir l-inċident tiġi nformata hi, jiġi appuntat *Loss Adjuster* fejn f'dan il-każ ħa miegħu Perit u wara jsir kwantifikazzjoni tal-ispejjeż. Tgħid li l-assigurat għandu obbligu li jinforma l-aġent immedjatament u huma javżaw verbalment lis-Citadel. Tikkonferma li fil-każ odjern huma kienu ġew informati dak inhar tal-akkadut u appuntaw *Loss Adjustor* lil Chris Hayes li jaħdem ma' Haeys and Pike, kumpanija li kienet titqabbad mis-soċjetà konvenuta. Tgħid ukoll li impjegat ta' Allcare kien informa lis-soċjetà konvenuta verbalment.

Tgħid li r-rapport wasal għandhom 6 ġimgħat wara l-akkadut li intbagħat mill-ewwel lis-soċjetà konvenuta. Tgħid mir-rapport kien jidher li l-*claim* kienet ta' ċertu ammont.

B'nota ġie ppreżentat wkoll **kopja awtentika minn Chris Hayes** fl-14 ta' Jannar 2019 **tar-rapport** imħejji fit-28 t'April 2011 minnu stess.[13] Ta' interess partikolari huma s-segwenti siltiet:

> "*Following the erection of the temporary wall in the garden the work of excavation was continued and quickly approached the 76 centimetre buffer which the law required must separate excavations from the curtilage of neighbouring tenements. At approximately 1300 hours on Thursday the 24 March one of the two excavators working on the site utilising a hydraulic hammer was gnawing away at the bedrock by the party wall when, without warning, the whole rock face collapsed into the site. It appears that the hammer had struck a fissure or fracture in the rock that caused the length of the fault to shear and slide away. The fracture extended upon a length of the boundary wall and up to the garage, the rear section of which was left handing perilously over the construction site. As a consequence, a thirty metre stretch of the boundary wall, a part of the garden, the temporary wall erected by the insured a few days before and a length of the concrete passage way tumbled into the site.*"[14]
>
> *[...]*
>
> *"The circumstances under which the accident occurred do not lend themselves to an immediate finding of culpable negligence on the part of the insured. The fault in the rock was situated close to the third party's boundary wall and, judging by the manner in which it sheared, fanned out at an angle under the third party's property.*

[13] Paġna 387A et seq tal-proċess.
[14] Paġna 62 tal-proċess.

*In the Construction Management Plan drafted by the insured's architects it was stated that "4.0 Geology: The existing geological strata is rock hence no special requirements need to be envisaged during the excavation and construction phases." There was felt to be no need for the adoption of any particular action and it is difficult to envisage what the insured could have reasonably done to detect the fault in the rock or what they might have been able to do to guard against it. In the course of discussion with Mr Grixti we asked whether bedrock was ever tested before excavations were commenced. We are advised that such testing (which involves the sinking of a probe and the extraction of core samples) is normally undertaken to ensure that the bedrock upon which a new and generally large edifice is to be founded is not underlaid by voids, caverns or loose material that may lead to the fracturing or displacement of the bedrock under load. It seems unlikely that this kind of testing would have revealed the fault in the rock responsible for the accident. In this first instance, it was situated close to the third party boundary wall and ran under the curtilage of the property. Moreover, detection in these circumstances would have been very much dependent upon chance."*[15]

Dwar jekk dan l-inċident kienx kopert bil-polza t'assigurazzjoni, Chris Hayes għamel is-segwenti osservazzjonijiet:

"*We have considered the terms of Endorsement 7/11 which extend the policy to cover liability consequent upon loss or damage caused by vibration or by the removal or weakening of support. The extension of cover is dependent upon the loss or damage resulting in the total or partial collapse of third party property and, in this respect, the circumstances particular to this loss satisfy this proviso. The other two provisos appear also to have been satisfied inasmuch as there was nothing to suggest that the land was unsound or that especial loss*

[15] Paġna 64 tal-proċess.

*prevention measures (beyond those adopted by the insured) were warranted, and a report was prepared (namely, the Construction Management Plan) which detailed the action that was to be taken to prevent damage to third party property.*

*The first two of the three exclusions are of no application as the loss was not foreseeable and neither was the damage suffered by the third party property superficial. Finally, the third exclusion is of no relevance as the claim is not concerned with the costs of loss prevention. In the circumstances and in the absence of any other conditions or clauses that may frustrate policy cover, we are of the view that policy liability appears to have been engaged."*[16]

Xehdet **Maria Vella**, is-sid tal-fond li ġarrab ħsarat. Tgħid li hija kienet rat li l-ħajt tal-ġnien kien inqata' minn mas-siment ċirka nofs pied u dan qabel inbena l-ħajt tal-*bricks* mis-soċjetà attriċi. Kien biss wara li informathom b'dak li rat li kien sar il-ħajt temporanju. Ix-xhud tgħid li l-ħaddiema tas-soċjetà attriċi kienu qegħdin jaħdmu "bil-gaffa tal-musmar u ma ħalliex distanza"[17]. Tgħid li l-garaxx li kien ġarrab ħsarat reġa' ġie mibni. Tgħid li l-garaxx ma ġiex iffinixxjat kif suppost. Meta ġiet mistoqsija biex tispjega hija qalet li kellu jkun komplut b'kollox però l-garaxx għadu bla *skirting*. Dwar id-diżabilità li sofriet hi peress li waqat flimkien mat-terrapien li niżel fil-post fejn kien qiegħed jitħammel, hija ġiet kumpensata mill-assigurazzjoni.

Xehed permezz t'affidavit **Lawrence Formosa**, *Senior Manager* fi ħdan is-soċjetà konvenuta. Jibda billi jikkonferma li s-soċjetà attriċi kienet assigurata tagħhom u dan billi kienet koperta bil-polza t'assigurazzjoni tat-tip *Contractors' All Risk* sabiex tkopri xogħol li kien ser isir ġewwa l-Għargħur. Jgħid li fl-4 ta' Mejju 2011 Allcare infurmat lil Citadel illi fl-24 ta' Marzu 2011 kien seħħ inċident fuq il-post fejn kien qiegħed jitħammel

[16] Paġna 65 tal-proċess.
[17] Paġna 388B tal-proċess.

mis-soċjetà attriċi. Jispjega li Allcare kienet aġenzija tal-kumpanija Citadel. Jispjega li Citadel kellha diżgwid ma' Allcare u dan stante li Allcare ma notifikatax lil Citadel "bl-akkadut a tempo vergine iżda n-notifika saret biss xi 6 gimghat wara."[18] Ikompli jispjega hekk "Ghalkemm l-Allcare hija Agent ta Citadel, meta qed tirċievi claim minghand klijent biex tghaddih lill-assikuratrici, l-agent assikurattiv isir Agent tal-Assikurat. Il-klijent kien obbligat li jinnotifika lill-assikurazzjoni minnufih u ma nhelisx mill-obbligu sempliċiment ghax irrapporta lil-agent. Anke ghaliex l-agent kellu l-obbligu f'akkadut tant serju, li jinnotifika lis-Citadel immedjament."[19] Ix-xhud jgħid li s-soċjetà konvenuta ġiet preġudikata meta Allcare naqset milli tinformaha b'mod immedjat u dan għaliex ma setgħatx tmur mal-ewwel fuq il-post biex tikkonstata x-xena tal-inċident u tqabbad esperti tal-fiduċja tagħha sabiex jiġi żgurat li x-xogħol kien fil-fatt qiegħed isir skont il-polza u skont ir-regoli. Ix-xhud jgħid li "f'dak il-mument Citadel kienet diġà qed tikkunsidra ma taċċettax il-claim u din semplicement d-dewmien ta' All Care."[20] Jgħid li kien hemm diversi diskussjonijiet bejn Citadel, Allcare u l-assigurat sabiex tiġi investigata l-*claim*. Jgħid li s-soċjetà konvenuta kienet propensa tħallas id-danni u dan għaliex kellhom dubju fuq jekk l-akkadut kienx kopert bil-polza kif ukoll kellhom diversi riżervi fuq il-prova tad-dannu sofert. Ix-xhud jgħid li s-soċjetà assiguratriċi kienet lesta tħallas id-dannu konsegwenzjonali li normalment ma jkunx inkluż fil-polza. Ix-xhud jagħmel referenza imbagħad għar-rapport imħejji mill-Perit Reuben Sciortino li kien tqabbad minn Chirs Hayes fejn fih ikkonkluda li danni sofferti kienu stmati għal madwar €30,708.21, għalkemm jgħid li l-istess perit kellu riserva fuq l-ammonti. Jgħid li Geom kienet għaddiet stima lil Citadel tal-ispejjeż għax-xogħlijiet inkorsi fis-somma ta' €21,388.65. Jgħid li Citadel m'aċċettatx illi tħallas dak l-ammont u dan għaliex is-soċjetà attriċi qatt ma tathom kopja tal-irċevuti. Jgħid li Citadel saret taf mill-konklużjonijiet tal-inkjesta li l-makkinarju li kien qiegħed jintuża ma kienx adattat biex iqattgħu l-blat viċin tal-fond ta' terzi. Dan l-għarfien wassal sabiex Citadel tirrifjuta milli

[18] Paġna 409 tal-proċess.
[19] Paġni 409 – 410 tal-proċess.
[20] Paġna 410 tal-proċess.

tħallas kwalunkwe dannu soffert minn Geom u dan għaliex l-akkadut seħħ bi ksur tal-polza tal-assigurazzjoni.

In kontro-eżami miżmum fit-13 ta' Jannar 2021 jikkonferma li Maria Vella ġiet imħallsa għaliex kien hemm polza t'assigurazzjoni bejn Citadel u Geom tramite Allcare. Fit-tranżazzjonijiet sabiex isir il-ħlas ma jiftakarx jekk is-soċjetà attriċi kinitx involuta. Lanqas ma jiftakar bl-amment jekk wara t-tranżazzjoni jekk Geom ġietx informata iżda jgħid li ma jirriżultax li kien hemm. Ix-xhud ġie mistoqsi meta beda jaħdem ma' Citadel u qal li beda f'Settembru 2013. Jikkonferma li huwa ma jafx x'diskussjonijiet saru bejn id-data tal-akkadut sal-ġurnata li huwa daħal jaħdem mal-imsemmija soċjetà. Jgħid li huwa sar jaf li l-pożizzjoni tas-soċjetà Citadel ġiet preġudikata mill-korrispondenza li sab fil-*file* kif ukoll minn diskussjonijiet li kellu mas-superjuri tiegħu ċioe CEO Angela Tabone u Jenny Gatt. Jikkonferma li ma' Joe Avellino huwa ma tkellimx. Rigward ir-rapport li sar minn Hayes and Pike, ix-xhud ġie mistoqsi jekk Citadel qattx oġġezzjonat għar-rapport jew li tqabbdet l-imsemmija kumpanija, ix-xhud jgħid li mill-*files* ma jirriżultax li kienet oġġezzjonat il-kontenut tar-rapport; l-oġġezzjoni li kellha Citadel minn dak li qalulu u li ra fil-*files* kien għaliex ġiet informata 6 ġimgħat wara.

**Provi dokumentarji**

L-attur ippreżentat għadd ta' korrispondenza li ġiet skambjata bejn is-soċjetà konvenuta u l-aġenti tagħha kif ukoll korrispondenza li ġiet mgħoddija bejn is-soċjetà attriċi u l-aġenti. Ta' interess partikolari fil-każ odjern huma s-segwenti:

a. Korrispondenza elettronika datata 4 ta' Mejju 2011 li bis-saħħa tagħha s-soċjetà attriċi ġiet informata bl-akkadut flimkien mar-rapport mibgħut mil-*Loss Adjuster* Chris Hayes;[21]

[21] Paġna 88 tal-proċess.

b. Korrispondenza elettronika mibgħuta minn Nicky Sammut lil Joe Avellino datata 1 ta' Ġunju 2011 fejn magħha raġa' ġie anness ir-rapport preliminari ta' Chris Hayes dwar il-ħsarat fuq is-sit mertu tal-kawża;[22]

c. Korrispondenza elettronika oħra mibgħuta minn Judith Galea lil Joe Avellino u Nicholas Paul Sammut fl-14 ta' Ġunju 2011 fejn staqsiet għal informazzjoni dwar il-*claim* tas-soċjetà attriċi.[23] Judith Galea bagħtet it-tieni *email* fit-13 ta' Lulju 2011 isaqsi għall-informazzjoni mitluba minnha fl-14 ta' Ġunju 2011.[24] Kien fit-13 ta' Lulju 2011 li s-soċjetà konvenuta irrispondiet lil Judith Galea, CEO ta' Allcare fejn talab kopja tal-*claim file* aġġornat;[25]

d. Korrispondenza elettronika mibgħuta minn Joe Avellino datata 8 t'Awwissu 2011 mibgħuta lil Ramon Mizzi u Judith Galea tipprovdi hekk dwar il-mertu in eżami: "*The material part of the claim should be easy to determine. The insured can assist in determining the reinstatement costs of the [partition] wall and its foundations.*"[26]

e. Ġiet ukoll skambjata korrispondenza dwar l-ammont ta' danni. Fl-24 t'Awwissu 2011 Judith Galea informat lil Joe Avellino li fi żmien ġimgħa ser ikollhom f'idejhom l-ispejjeż eżatti li ntefqu sabiex saru it-tiswijiet fil-fond tat-terza;[27]

f. Fit-23 t'Awwissu 2011 Nicholas Paul Sammut talab fost diversi affarijiet informazzjoni[28] għalfejn is-soċjetà Allcare ġiet informata fl-1 ta' Ġunju 2011 bl-inċident meta l-inċident kien seħħ fl-24 ta' Marzu tal-2011 biex informat lil Citadel bil-*claim* kif ukoll informazzjoni dwar f'ix kien wasal ix-xogħol min-naħa ta' Geom. Għal din Jean Pierre Zammit għal Allcare spjega li fil-fatt is-soċjetà Citadel kienet ġiet informata permezz ta' email datat 4 ta' Mejju 2011 u li miegħu ġie anness ir-rapport li kien ħejja Chris Hayes;

---

[22] Paġna70 tal-proċess.
[23] Paġna 71 tal-proċess.
[24] Paġna 73 tal-proċess.
[25] Paġna 72 tal-proċess.
[26] Paġna 76 tal-proċess.
[27] Paġna 81 tal-proċess.
[28] Paġni 82 – 84 tal-proċess.

g. F'email datata 16 ta' Settembru 2011, s-soċjetà konvenuta għal darb'oħra talbet informazzjoni dwar f'ix kien wasal ix-xogħol min-naħa ta' Geom kif ukoll informa lil Allcare bis-segwenti "*we may not give consideration to any expenses until the claim is fully and property presented by the insured and supported with adequate documentation.*"[29]

h. Fil-proċess hemm ukoll korrispondenza elettronika datata 28 ta' Diċembru 2011 mibgħuta mis-soċjetà Allcare lil Citadel fejn ingħad hekk: "*We are pleased to note that we are in agreement over the fact that policy liability has been engaged in this instance, and in this regard, we note your advice that you now await the findings of your appointed architect with regards to the quantification of the material damage loss.*"[30] Is-soċjetà Citadel irrispondiet fit-30 ta' Diċembru 2011 bis-segwenti, fost affarijiet oħra: "*we are taking cognizance of this claim on the basis of policy terms and conditions and we will consider the question of attachment of liability in this context.*"[31]

i. *Email* għal informazzjoni dwar x'deċiżjoni ser tieħu is-soċjetà konvenuta baqgħu jiġu skambjati sal-14 ta' Frar 2012[32]. Sal-25 ta' Ġunju 2012 is-soċjetà Allcare baqgħet mingħajr risposta.[33]

**Taqsimiet relevanti mill-polza t'assigurazzjoni**

Is-segwenti huma t-taqsimiet li ssemmew mis-soċjetà konvenuta fir-risposta ġuramentata tagħha:

*I. "Endorsement 7/11 – Vibration, Removal or Weakening Support*

*It is agreed and understood that otherwise subject to the terms, exclusions, provisions and conditions contained in the Policy or endorsed thereon and subject to the Insured having paid the agreed*

[29] Paġna 125 tal-proċess.
[30] Paġna 135 tal-proċess.
[31] Paġna 136 tal-proċess.
[32] Paġna 143 tal-proċess.
[33] Paġna 147 tal-proċess.

*extra Premium. Section II of this Insurance [Third Party Liability] shall be extended to cover liability consequent upon loss or damaged caused by vibration or by removal or weakening of support.*

*Provided always that:*

- *The Insurers will indemnify the Insured in respect of liability for loss or damage to any property or land or building only if such loss or damage results in the total or partial collapse,*
- *The Insurers will indemnify the Insured in respect of liability for loss or damage to any property or land or building only if prior to the commencement of construction its condition is sound and the necessary loss prevention measures have been taken,*
- *The Insured if required shall before commencement of construction and at his own expense preparate a report on the condition of any endangered property or land or building.*

*The Insurers will not indemnify the Insured in respect of liability for:*

- *Loss or damage which is foreseeable having regard to the nature of the construction work or the manner of its execution,*
- *Superficial damage which neither impairs the stability of the property, land or buildings nor endangers their users,*
- *The costs of loss prevention or minimisation measures which become necessary during the period of Insurance."*[34]

*II. "Endorsement 10/11 – Warranty: Loss Control Measures*

*Warranted that the following loss control measures are to be implemented throughout the duration of the contract works:*

*(ix) the demolition work in the vicinity of party wall is to be carried out manually with hand-held machinery such as circular saws or electric*

[34] Paġna 160 tal-proċess.

*jiggers and care should be taken while removing elements so that they do not fall into or damage third party property."*[35]

III. *"Endorsement 15/11 – Exclusion of subsidence, landslip and landslide*

*It is hereby declared and agreed the this Policy shall any liability arising out of subsidence, landslip and land slide. Subject otherwise to the terms, exceptions, conditions and limitations of thie Policy."*[36]

Ikkunsidrat;

Permezz tal-kawża odjerna s-socjetà attriċi qiegħda titlob li tiġi kkumpensata skont polza konkluża mas-soċjetà konvenuta Citadel Insurance plc tramite l-aġent tagħha Allcare Insurance Agency Limited.

Is-soċjetà attriċi kienet intraprendiet xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġewwa l-Għargħur u kienet akkwistat polza mingħand Allcare Insurance Agency Limited bħala aġent ta' Citadel Insurance plc tat-tip *Contractors' All Risks Policy*. Waqt ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni kienet iġġarrfet il-proprjetà adjaċenti u s-soċjetà attriċi, wara li kienet informat lil Allcare Insurance Agency Ltd bl-akkadut u wara li ġabet permess mill-Maġistrat Inkwerenti, esegwit numru ta' xogħlijiet rimedjali fl-istess fond. Wara li ikkonkludiet ix-xogħlijiet rimedjali, is-soċjetà attriċi għamlet talba lis-soċjetà konvenuta rifużżjoni tal-ispejjeż liema talba għamlitha tramite l-aġent a bażi tal-polza ta' assikurazzjoni imsemmija, iżda s-soċjetà konvenuta irrifjutat li tersaq għall-ħlas għaliex sostniet fost oħrajn illi d-danni in kwistjoni ma kinux koperti mill-polza.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

[35] *ibid*
[36] Paġna 162 tal-proċess.

Il-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa kuntratt bilaterali.

**Artikolu 2 ta' l-Att dwar Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Kapitolu 403)**: (a) "kuntratt ta' assigurazzjoni u kuntratt dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni, ftehim fejn assiguratur jiftiehem, b'korrispettiv, li jħallas lill-assigurat jew akkont tiegħu somma ta' flus jew ħlas ieħor sew jekk bħala indenizz kontra telf, ħsara, danni, xi responsabbiltà jew xort'oħra, meta tiġri ġrajja speċifikata li dwarha jkun hemm element ta' inċertezza dwar meta ser tiġri jew jekk tiġrix"*;* u (b) "polza dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni, tfisser u tinkludi polza jew dokument bħalha, ikun x'ikun l-isem li bih jissejjaħ, li jipprova li jkun hemm kuntratt ta' assigurazzjoni."

Il-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa meqjus bħala wieħed aleatorju definit skont l-**Artikolu 964 tal-Kodiċi Ċivili** bħala kuntratt li fih il-qligħ jew it-telf, għaż-żewġ partijiet jew għal waħda minnhom, ikun jiddependi minn ġrajja mhux żgura. Ir-riskju hi l-oġġett ta' l-assikurazzjoni jew il-presuppost bażiku tal-kuntratt u tal-validità tiegħu. Ir-riskju jitqies bħala event ekonomiku sfavorevoli, għalhekk meta jseħħ dak l-event li huwa ekonomikament preġudizzjevoli għall-assikurat u estraneju għall-volontà tiegħu, jidderivi l-obbligu fl-assikurazzjoni li tirriżarċixxi d-danni u tħallas l-indennizz.

Din hija r-regola ġenerali.[37]

Għandu jingħad ukoll li prinċipju fondamentali ieħor fi kwistjonijiet ta' assigurazzjoni hija l-massima bona fede magħmul *uberrimae fidei*, liema massima testendi għas-soċjetà assiguratriċi li "mistennija mhux biss li, bħall-assigurat tagħha, taġixxi bl-aqwa bona fede fil-mument meta tkun qed tiġi mimlija l-*proposal form* u konkluż il-kuntratt, imma wkoll fl-eżekuzzjoni ta' l-istess kuntratt u fl-interpretazzjoni tiegħu meta tkun

[37] Ara **Emanuel Ciantar vs. David Curmi noe** (Ċit 153/1994) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-28 t'April 2003 u kkonfermata milli Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-19 ta' Ġunju 2006.

qiegħda tivvaluta talba għar-rimbors ta' danni."[38] Ifisser għalhekk li s-soċjetà assiguratriċi trid timxi bl-ogħla bona fede mal-assikurat.

**Allcare bħala l-aġent tas-soċjetà konvenuta**

Ma ġiex ikkontestat mis-soċjetà konvenuta li s-soċjetà attriċi għamlet użu mill-aġent tas-soċjetà assikuratriċi Allcare sabiex inħarġet il-polza t'assikurazzjoni. L-irwol ta' aġent ġie spjegat f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Martin Degabriele vs. Middlesea Insurance plc et** (App Ċiv 20/2004) deċiża fid-9 t'April 2010:

> "L-***Insurance Broker*** huwa mandatarju tal-assikurat. Huwa jghin biex jintlahaq ftehim mal-assikuratur bl-iskop li jigi assikurat riskju, tinhareg assikurazzjoni f'isem il-persuna assikurata, bil-weghda t'indennizz jekk tigri l-haga msemmija fl-assikurazzjoni. L-***Insurance Broker*** huwa l-mandatarju tal-assikurat u mhux tal-kumpanija t'assikurazzjoni (ara **Antonio Zammit vs Joseph Micallef** tal-31 ta' Jannar 1952, XXXVI-III-610; u **Anthony Vassallo vs Alfred S. Azzopardi nomine** deciza fil-21/04/99). Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Bertuello vs Victor Cordina pro et noe et** deciza mill-Onor Qorti tal-Appell fil-hdax (11) ta' Lulju, 1994 inghad:
>
> *"Mill-provi jirrizulta li din is-socjeta' ma tassikurax hi izda tagixxi bhala agent tas-socjeta` estera Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited. Jekk il-konvenut Victor Cordina ma agixxiex personalment, izda agixxa f'isem is-socjeta` konvenuta, similment, din is-socjeta' ma agixxietx bhala socjeta' propju izda f'isem is-socjeta' assikuratrici estera imsemmija li taghha hija l-agent f'Malta……izda li se mai din titharrek bhala agent tas-socjeta` assikuratrici estera li ultimament hija dejjem responsabbli ghal dak li gie kontrattat ghan-nom taghha mis-socjeta` konvenuta."*

[38] **Carmel Bajada et vs. Middle Sea Insurance Co Ltd** (App Ċiv 3138/1996) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-5 t'Ottubru 2001.

Il-pozizzjoni guridika tal-***Insurance Broker*** giet ezaminata tajjeb hafna fil-kawza hawn fuq imsemmija **Vassallo vs Azzopardi:-**

A fol 23 ***et*** tas-sentenza jinghad:

"Il-Periti Addizzjonali josservaw illi l-ligi li tapplika ghal kaz in kwistjoni hija Artikolu 23(6) tal-Att Dwar l-Impriza ta' l-Assigurazzjoni, Kap. 290, Att XVII, 1981, liema disposizzjoni tikkwalifika "*insurance broker" bhala dik il-persuna li 'ghal xi kummissjoni jew kumpens iehor jew oggett ta' valur ikun x'ikun tagixxi jew tghin b'xi mod biex thajjar, jintlahaq ftehim, jew biex isir kuntratt ta' assigurazzjoni jew biex jigi assigurat riskju jew biex tinhareg assigurazzjoni, f'isem persuna assigurata jew persuna li tkun se tigi assigurata, barra minnha nnifisha*.'[39]

Inoltre, il-Periti jirreferu ghall-artikolu ta' **Senator B.R. Bamford S.C**. "**Rights and Duties of Insurance Brokers**", riportat fil-harga tal-**Lloyds Maritime and Commerial Quarterly**, February 1976, p.59 fejn hemm stabbilit li fil-pajjizi Anglo Sassoni, ir-relazzjoni guridika tal-broker mal-assikurat jew mal-persuna li titlob assigurazzjoni hija governata mill-kuntratt tal-mandat jew dak ta' l-agent.

Hekk ukoll gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc in re. "**Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe**" 31 ta' Jannar, 1952, Vol. XXXVI, P.III, p. 610, li meta subagent "jimla' l-*proposal form* ghal min irid jassigura karozza huwa l-mandatarju ta' min irid jaghmel dik l-assikurazzjoni u mhux tal-kumpanija t'assikurazzjoni…"

[39] Illum regolat bl-Att dwar id-Distribuzzjoni fl-Assigurazzjoni, Kapitolu 487 fejn baqa' ferm il-prinċipju enunċjat fil-ġurisprudenza nostrali li l-*broker* jaġixxi bħala l-mandatarju ta' l-assigurat u r-relazzjoni ġuridika bejn il-*broker* u l-assigurat hi regolata mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-kuntratt ta' mandat.

Fl-istess artikolu l-istess awtur ighaddi biex jelenka d-dmirijiet principali tal-Insurance broker, li "qua" mandatarju huma fl-obbligu:-

*(a) to perform his mandate fully to the extent of his authority and as expeditiously as possible;*

*(b) to exercise care and the requisite skill in performing the mandate:*

*(c) to notify an insured within a reasonable period that insurance has or has not been effected;*

*(d) to disclose to the insured any information or intention he may have relevant to the insured's interests;*

*(e) to show "uberrimae fides" in his dealings with and for an insured;*

*(f) to keep accounts and furnish them in proper form to an insured;*

*(g) to take reasonable steps to protect the insured's interests.*

Il-Periti josservaw ukoll li hemm ukoll il-vizjoni tradizzjonali fejn l-operat tal-"insurance broker" huwa abbinat mar-relazzjoni kontrattwali simili ghall-"***locatio-conductio operis***," kif irravisat is-socjeta` konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Din il-posizzjoni fl-Italja, il-Belgju u Franza – **<u>Compforts A. vs N.V.Zurich, 1978,</u>** riportata fil-***Lloyd's Maritime and Commercial Law Quarterly***, February, 1979. p.91.

*Fl-ahharnett, il-periti jirrilevaw, li irrispettivament jekk l-attivita' tal-"insurance broker" huwa mandat jew* locatio operis*, il-fatt hu li kemm il-mandatarju kif ukoll l-appaltatur iwiegbu ghan-negligenza fl-esekuzzjoni tal-mansjoni lilhom affidata u jitqiesu imputabbli ta' dilazjoni kolpusa jekk dan li jkun rikjest minnhom jesigi zmien ghall-esekuzzjoni tieghu.*

L-istess Qorti fl-imsemmija sentenza ikkonkludiet a fol 33 li:-

*"Din il-Qorti taqbel ma' dik it-tezi msemmija mill-periti addizjonali li fil-ligi taghna l-**insurance broker** huwa mandatarju tal-assikurat. Din it-tezi hija dik adottata mil-ligi Ingliza li, f'din il-materja, ghandha aktar influwenza fuq il-ligi taghna milli ghandha l-ligi kontinentali. Bhala tali l-**broker**/mandatarju huwa wkoll responsabbli skond l-artikolu 1874 tal-Kodici Civili Kapitolu 16 ..."*

L-istess kien ġie ritentu fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sittax (16) ta' Mejju 2002 fl-ismijiet **Vincent Azzopardi vs Middlsea Insurance Company**:

*"Hu risaput li l-**broker** huwa l-agent ta' l-assikurat mhux tal-kumpanija assikuratrici".*

Ma' dan l-insenjament il-Qorti sejra tagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) mogħtija fil-25 t'Ottubru 2013 fl-ismijiet **Av. Dr. Joseph Zammit McKeon nomine vs. Laferla Insurance Agency Ltd et** (App Ċiv 1158/2007):

"Il-funzjoni ta' *insurance broker* taht il-ligi Maltija kif ukoll ir-responsabbilta` legali tieghu hija differenti minn dik ta' assikuratur. Fil-kaz in ezami l-intimata hija *insurance broker* u mhux assikuratur ghax is-socjeta` assikuratrici kienet MiddleSea Insurance p.l.c. *tramite* l-agent taghha Allcare Insurance Agency Limited. Infatti hi qatt ma tista' tigi ordnata thallas taht polza ta' assikurazzjoni. Debitur huwa dejjem l-assikuratur u mhux il-*broker* u ghalhekk fil-kaz *de quo*, jekk dovut, trid tkun il-MiddleSea Insurance u mhux l-intimata. Dan huwa principju li jinsab taht il-ligi Maltija [...]"[40]

[40] Ara wkoll **Micamed Ltd vs. Allcare Insurance Agency Ltd et** (Rik Ġur 1043/2006) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-25 ta' Frar 2016.

Ikkunsidrat;

Is-soċjetà Allcare kienet qiegħda taġixxi bħala mandatarju/aġent tal-assikurat ċioe is-soċjetà attriċi. Meta seħħ l-akkadut li tiegħu s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tad-danni minnhom imġarrba, is-soċjetà attriċi informat immedjatament lill-aġent tagħha, Allcare. Allcare għaddiet biex inkarigat lil Hayes & Pike, bħala *Loss Adjusters* li f'sitwazzjonijiet bħal dawn huma l-istess nies li jitqabbdu mis-soċjetà Citadel Insurance plc sabiex iħejju rapport preliminari dwar id-danni li ġew ikkawżati fil-proprjetà tat-terza persuna. Chris Hayes mar fuq il-post dak in-nhar tal-akkadut u ħejja rapport liema rapport huwa datat 28 t'April 2011. Mill-atti jirriżulta li fl-4 ta' Mejju 2011 Allcare informat lis-soċjetà assikuratriċi b'dan l-akkadut u dan għamlitu wara li rat l-estensjoni tad-danni indikati fl-istess rapport. F'Awwissu 2011 is-soċjetà konvenuta staqsiet lis-soċjetà Allcare x'kienet ir-raġuni li kien hemm dewmien sabiex ġiet informata bil-*claim* li saret mis-soċjetà attriċi.

Is-soċjeta' konvenuta ssostni li damet ma ġiet informata bl-akkadut u dan ikkawżalha preġudizzju.

Il-materja ta' dewmien fl-isfond ta' polza ta' assikurazzjoni ġie trattat fis-sentenza **Tax Free Services Limited vs. Atlas Insurance Agency Limited noe** (Ċit Nru 2213/2000) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-25 ta' Settembru 2003 u konfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-25 ta' Settembru 2006:

> "Illi l-eżami tal-eċċezzjoni tad-dekadenza tal-jedd għall-azzjoni tintrabat mal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni li taħtha u bis-saħħa tagħha l-kumpannija attriċi tippretendi li għandha tingħata kumpens mill-kumpannija mħarrka. L-aħjar apprezzament tal-kundizzjonijiet tal-polza, mbagħad, jiddependu fuq il-fatti li jirriżultaw. Il-kumpannija mħarrka ssostni l-eċċezzjoni tagħha kemm fid-dawl tal-kliem ċar tal-kundizzjonijiet fil-polza u kif ukoll minn dak li seħħ minn

meta l-kumpannija attriċi ressqet it-talba għall-kumpens sakemm il-kumpannija mħarrka għalqet il-*file*;

Illi dwar in-natura legali u s-siwi ta' klawsoli b'kundizzjonijiet ta' żmien għat-tressiq u l-ipproċessar ta' talba għall-kumpens huwa miżmum mill-awturi li klawsoli ta' din l-għamla jorbtu lill-partijiet, b'mod partikolari fejn dawn il-kundizzjonijiet ikunu preordinati għas-siwi tal-polza ("*precedent to the validity of the policy*"). Kemm hu hekk, huwa aċċettat li "*If such a condition is clear, and is precedent to the insurer's liability, a failure to comply, however inadvertent or excusable, will entitle the insurer to avoid liability*" [Birds, ***Modern Insurance Law*** (2nd Edit, 1988) paġ.200]. Iżda, minħabba li l-assikurat jista' jħabbat wiċċu ma' effetti drastiċi minħabba klawsoli bħal dawn, teżisti fehma li, jekk il-liġi hekk tippermetti, il-Qorti jista' jkollha s-setgħa li teħles assikurat bona fide mir-rabta ta' klawsola bħal dik, jew li klawsola bħal dik tgħodd biss jekk kemm-il darba l-assikuratur iseħħlu juri li ġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien tal-assikurat li jressaq it-talba tiegħu;

Illi, kif tajjeb tosserva l-kumpannija attriċi fis-sottomissjonijiet magħmulin mill-abbli difensur tagħha, ladarba tali klawsoli jikkostitwixxu dekadenza tal-jedd tal-assikurat taħt il-polza, tali klawsoli għandhom jingħataw tifsira dejqa u litterali u m'għandhomx jitwessgħu aktar mill-meħtieġ fl-applikazzjoni tagħhom;

Illi l-piż tal-prova li l-assikurat ikun tilef il-benefiċċju li jressaq talba taħt polza jaqa' fuq l-assikuratur, sakemm il-polza innifisha ma tkunx tefgħet dak il-piż fuq l-assikurat [Ara **Bond Air Services Ltd. vs Hill** (1955) Q.B. 417] ;

Illi fil-qrati tagħna, s'issa, jidher li rebħet il-linja ta' interpretazzjoni stretta ta' klawsoli bħal dawn [Ara, per eżempju, App Kumm. **10.12.1991** fil-kawża fl-ismijiet **Anthony H. Xuereb vs Edward V. Bartoli noe et** (mhix pubblikata) u Kumm. GMB **8.6.1989** fil-kawża

flismijiet **Louis Busuttil noe et vs Edward Bartoli noe et** (mhix pubblikata)] li wasslet biex in-nuqqas ta' ħarsien kif imiss min-naħa tal-assikurat tat-termini stabiliti fil-polza jġib miegħu t-telfien ta' kull benefiċċju li l-assikurat jista' jippretendi taħt il-polza. Ir-raġunament wara dawn id-deċiżjonijiet jidher li kien marbut mal-obbligu li l-assikurat isegwi b'għaqal u bl-ogħla bona fede l-pretensjonijiet tiegħu taħt il-polza;"

Il-kontestazzjoni fil-każ odjern, m'hijiex id-dewmien min-naħa tal-assikurat sabiex jagħmel il-*claim,* iżda l-allegat dewmien min-naħa ta' Allcare, bħala l-aġent, sabiex tinforma lis-soċjetà konvenuta bil-*claim* li saritilha mis-soċjeta' attriċi.

Ingħad fis-sentenza **Anthony Vassallo vs. Alfred S. Azzopardi nomine** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-21 t'April 1999 li skont "l-imsemmi awtur jirrileva fuq kollox illi "*Expeditiousness is essential. A broker is liable if he allows an unreasonable period to elapse between the acceptance of the mandate and a circumstance causing the loss sought to be insured against.*"

**Il-ħtieġa t'awtorizzazzjoni mis-soċjetà assikuratriċi u sejbien ta' ħtija mill-Qorti Maltija**

Il-Qorti sejra titratta t-tieni u r-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta flimkien.

Permezz ta' dawn l-eċċezzjonijiet is-soċjetà Citadel qiegħda teċċepixxi li s-soċjetà attriċi kellha qabel xejn tistenna l-awtorizzazzjoni min-naħa tagħha sabiex tagħmel ix-xogħlijiet. Tgħid li x-xogħol sar qabel ma hi setgħet tevalwa d-danni u tieħu stima tal-valur tagħhom jew tagħti struzzjonijiet appożiti u għalhekk ġiet preġudikata. In oltre eċċepiet li s-soċjetà attriċi għamlet ix-xogħlijiet ta' tiswijiet mingħajr ma kienet instabet responsabbli għad-danni in kwistjoni b'sentenza ta' Qorti Maltija kif rikjest mill-polza.

Rigwardanti l-aħħar punt, il-Qorti tinnota li xejn m'hu minnu li l-polza tirrikjedi li l-assikurat għandu jistenna li jinstab responsabbli tad-danni mill-Qrati lokali sabiex ikun jista' jirrimedja d-danni li huwa kkawża. Li kieku kellu jiġri kif propost mis-soċjetà konvenuta, id-danneġġjat jispiċċa f'sitwazzjoni assurda fejn jibqa' jbagħti l-konsegwenzi għal xhur jekk mhux snin sħaħ. Dan l-argument tas-soċjetà konvenuta għalhekk ma jreġġix.

Is-soċjetà konvenuta mhux qiegħda tkun preċiża lanqas meta tgħid li l-assikurat għandu jistenna li jingħata awtorizzazzjoni minnha sabiex jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa. Il-polza tipprovdi li fejn id-dannu m'hijiex ta' skala żgħira, għandu l-ewwel issir rapport minn rappreżentant imqabbad mis-soċjetà assikuratriċi. Il-polza tipprovdi hekk:

> "*Upon notification being given to the Company upon this condition, the Insured may carry out the repairs or replacement of any minor damage; in all other cases a representative of the Company shall have the opportunity of inspecting the loss or damage before any repairs or alterations are effected. If a representative of the Company does not carry out the inspection within a period of time which could be considered as adequate under the circumstances the Insured is entitled to proceed with the repairs or replacement.*"

Fil-każ odjern saret spezzjoni fuq il-post mill-loss adjuster kif ukoll ġie mħejji rapport. Is-soċjetà attriċi kienet fis-sewwa meta pproċediet biex tagħmel ix-xogħlijiet u dan stante li dak rikjest fil-polza kien ġie sodisfatt.

Ma ġiex ikkontestat mis-soċjetà assikuratriċi li fuq il-post mar Chris Hayes li ħejja rapport preliminari tad-danni li huwa setgħa jikkostata f'dak il-mument. Dan ir-rapport is-soċjetà konvenuta ma kkontestatux u lanqas ma għaddiet sabiex tinkariga espert ieħor fil-mument li ġiet informata bl-akkadut.

Ingħad f'xi korrispondenza li ġiet skambjata bejn Allcare u s-soċjetà konvenuta li tal-aħħar kienet sejra tinkariga Perit, iżda dan kien ser isir f'Diċembru 2011. Din il-Qorti ma ingħatatx informazzjoni mis-soċjetà konvenuta jekk dan il-Perit ġiex nominat u lanqas ma ġiet informata bl-isem tal-Perit jekk ġie attwalment nominat.

Huwa evidenti mill-atti in-nuqqas ta' interess li uriet is-soċjeta' konvenuta fiż-żmien rilevanti u dan jirriżulta mill-korrispondenza skambjata bejn Allcare u s-soċjetà Citadel Insurance plc fejn għalkemm din tal-aħħar ġiet uffiċjalment informata bl-akkadut, bil-*claim* u bir-rapport ta' Chris Hayes fl-4 ta' Mejju 2011, għażlet li tirrispondi għall-ewwel darba xahrejn wara propju fit-13 ta' Lulju 2011 u dan wara li kienu intbagħtu għadd ta' *reminders* mis-soċjetà Allcare. Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi sabiex tiċħad it-tieni u r-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta anke għaliex fiċ-ċirkostanzi ma rriżultax illi s-soċjeta' konvenuta bgħatit xi preġudizzju.

**Prova li t-tiswijiet saru**

L-għan wara din l-azzjoni huwa sabiex is-soċjetà attriċi tirkupra mingħand is-soċjeta' konvenuta l-ispejjeż li ġew inkorsi minnha sabiex isiru t-tiswijiet fil-fond ta' terzi.

Kien għalhekk l-oneru tas-soċjetà attriċi sabiex tressaq il-prova li t-tiswijiet verament saru.

Fir-rigward tal-materja ta' provi, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi (App Ċiv 503/2002)**, deċiż mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri), fit-12 ta' April 2007:

i) "Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-prova timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn kontendenti sija fuq fattur li jsostni l-

fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probation*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*) (**Vol.XLVI.i.5**).

ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra ghax kif jinghad, jista' jkun gie stabbilit fatt li juri li *prima facie* t-tezi tal-attur hija sostenuta - (Ara **Vol. XXXVII.i.577**).

iii) Il-gudikant adit mill-mertu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probate*, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet, jigifieri minn dawn ic-cirkostanzi ta' fatti dedotti abbazi tad-domanda jew ta' inverzjoni tal-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi li d-dixxiplina tal-piz tal-prova ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timpani fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;

iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. (ara wkoll **Dr. Ian Vella Galea noe. vs Alistair Tulloch Robert Clifford**, P.A. (JZM) deciza fis-26 ta' Mejju 2016)."

Huwa essenzjali li jiġi allokat sewwa l-*onus probandi*.

Jiġi osservat li kien jinkombi fuq is-soċjetà attriċi li tressaq il-prova li sar ix-xogħol li tiegħu hija qiegħda tippretendi l-ħlas u dan in omaġġ għall-prinċipju *ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat*.

Din il-prova saret billi resqet bħala xiehda l-kuntratturi li għamlu x-xogħlijiet. Dawn ix-xhieda spjegaw x'kien l-inkarigu lilhom mogħti u xi tħallsu mis-soċjetà attriċi għal dak ix-xogħol.

Maria Vella, ukoll ikkonfermat ix-xogħlijiet ta' tiswija saru.

Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha ma tidhirx li qiegħda tinnega li x-xogħol sar, li qiegħda teċċepixxi s-soċjetà konvenuta hija li x-xogħol ma sarx tajjeb u li allura ser ikollu jsir mill-ġdid.

F'dan ir-rigward ma tressqet l-ebda prova għajr għal fatt li s-Sinjura Vella fix-xhieda tagħha tagħmel referenza għal xi *skirting* li baqa' ma sarx. Altru minn hekk ma nġabet l-ebda prova peritali ta' liema kienu l-ħsarat li ma ġewx imsewwija jew li kellhom jerġgħu jissewwew wara t-tiswijiet li saru mis-soċjetà attriċi fil-fond tagħha.
L-unika prova li nġabet fir-rigwaard hija kitba datata 20 ta' Novembru 2015 bejn is-Sinjura Vella u s-soċjetà konvenuta fejn ġie ddikjarat li sar ħlas mill-assikurazzjoni konvenuta lil Maria Vella ta' €35,000 "*in full and final settlement of all claims whatsoever which are competent to the Claimant in respect of any and all damages, including physical injuries, sustained [...] as a result of the incident*"[41].

Stabbilit illi s-soċjeta' attriċi resqet provi sodisfaċenti dwar il-ħlasijiet li effettwat rigward ix-xogħolijiet ta' riparazzjoni, imiss issa li l-Qorti tqis jekk it-talba tas-soċjeta' attriċi sabiex is-soċjeta' konvenuta tirrifondilha issibx ostakolu fil-kondizzjonijiet formanti parti mill-polza ta' assikurazzjoni relativa.

**Danni esklużi mill-polza t'assigurazzjoni**

Il-polza t'assikurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' konvenuta hija tat-tip *Contractors' All Risks* u tkopri l-perjodu bejn il-25 ta' Jannar 2011 u l-24 ta' Jannar 2013.

[41] Paġna 446 tal-proċess.

L-assikurazzjoni kienet tkopri "*demolition and excavation of existing building and construction of 28 residential units 1 shop and 30 lock up garages.*"[42] Kienet tkopri ukoll *"accidental loss of or damage to property belonging to third parties occurring in direct connection with the construction or erection of the items insures under Section I and happening on or in the immediate vicinity of the site during the Period of Cover."*[43].

Mill-qari waħdu ta' dan il-paragrafu jidher ferm ċar li ħsarat fi proprjetà ta' terzi hija koperta bil-polza u għalhekk ifisser taħt din il-kappa weħidha li s-soċjetà attriċi għandha tirriżarċixxi d-danni li hija sofriet.

Il-polza imsemmija għandha numru ta' esklużjonijiet ġenerali u oħrajn speċifiċi. Is-soċjetà konvenuta teċċepixxi fir-risposta ġuramentata tagħha illi hija m'għandhiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż reklamati mis-soċjetà attriċi għaliex il-ħsara in kwistjoni taqa' entro l-parametri ta' *exclusion clauses* fil-ftehim ta' assikurazzjoni konkluż bejniethom.

Hija ġurisprudenza kostanti li sabiex jiġi radikat id-dritt fl-assikurat għar-riżarċiment tad-danni jeħtieġ li l-ewwel u qabel kollox jipprova sodisfaċentement li seħħ event kopert bl-assikurazzjoni.

Una volta dak l-obbligu probatorju hu sodisfatt mill-assikurat, l-oneru probatorju jgħaddi fuq l-assikurazzjoni li tipprova sodisfaċentement li avveraw ruħħhom xi waħda jew aktar mill-esklużżjonijiet kontemplati fil-polza.[44]

Ingħad ukoll li m'huwiex kompitu tal-qorti li tikkunsidra jekk hemmx xi esklużjonijiet oħra li għandha tapplika għall-każ li jkollha quddiemha.[45] Inoltre l-*exclusion clauses* f'kuntratt t'assikurazzjoni għandhom jingħataw

[42] Paġna 158 tal-proċess.
[43] Paġna 156 tal-proċess.
[44] Ara **Antoinette Mifsud vs. Middlesea Insurance plc** (App Ċiv 281/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri_ fit-30 ta' Mejju 2007. Ara wkoll **John Buttigieg vs. Argus Insurance Agencies Ltd** (Rik Ġur Nru 467/2015) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-14 ta' Diċembru 2017.
[45] Ara **Randolph Muscat et vs. Citadel Insurance plc** (App Ċiv 330/2014) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-16 ta' Marzu 2018.

interpretazzjoni restrittiva u *contra proferentem*.[46] Huwa abbażi ta' dawn il-prinċipji illi għandhom jiġu eżaminati l-eċċezzjonijiet relativi sollevati mis-soċjetà konvenuta.

L-ewwel esklużjoni li tagħmel referenza għaliha s-soċjetà konvenuta hija l-esklużjoni 10/11 – *Warranty: Loss Control Measures* li taqra hekk

> *Warranted that the following loss control measures are to be implemented throughout the duration of the contract works:*
>
> *(ix) the demolition work in the vicinity of party wall is to be carried out manually with hand-held machinery such as circular saws or electric jiggers and care should be taken while removing elements so that they do not fall into or damage third party property."*

Is-soċjetà konvenuta tinsisti fir-risposta ġuramentata li din hija applikabbli stante li x-xogħlijiet kienu qegħdin isiru b'mezzi tqal u mekkaniċi u għalhekk għandu jitqies li s-soċjetà assikurata kienet irresponsabbli fi twettieq ta' xogħolha.

Il-Qorti ma taqbilx li dak kontemplat f'din l-eskluzzjoni avvera ruħu. Fil-każ odjern il-ħsara fil-proprjetà ta' terzi saret waqt ix-xogħol ta' skavar u mhux waqt ix-xogħol ta' demolizzjoni. Il-kelma rilevanti fl-esklużjoni surreferita hija *demolition*. *Demolition* hija mfissra fl-*Oxford Dictionary* bħala l-azzjoni "*to pull or knock down a building; to destroy something*" filwaqt li l-kelma *excavation* fl-istess dizzjunarju hija mfissra hekk: "*to make a hole, etc. in the ground by digging*". Id-distinzjoni bejn demolizzjoni u skavar hija ċara.

[46] Ara **Edward Farrugia Wismayer vs. Ronald Agius et** (Rik Ġur 663/2012) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-10 ta' Jannar 2019.

Ġaladarba l-ħsarat saru waqt l-iskavar u mhux id-demolizzjoni, fil-fehma tal-Qorti l-esklużjoni ma tapplikax. Il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni.

It-tieni esklużjoni invokata mis-soċjetà konvenuta fit-tielet eċċezzjoni tagħha hija *Endorsement* 7/11 – *Vibration, Removal or Weakening Support*:

> *"It is agreed and understood that otherwise subject to the terms, exclusions, provisions and conditions contained in the Policy or endorsed thereon and subject to the Insured having paid the agreed extra Premium. Section II of this Insurance [Third Party Liability] shall be extended to cover liability consequent upon loss or damaged caused by vibration or by removal or weakening of support.*

Dan il-paragrafu ma jħalli l-ebda dubju li tħammil / skavar u dgħjufija tal-appoġġi huma koperti bil-polza t'assikurazzjoni. Din il-klawżola iżda għandha numru ta' kundizzjonijiet. Il-kundizzjoni primarja li fuqha qiegħda tistrieħ is-soċjetà konvenuta hija s-segwenti:

> *The Insurers will not indemnify the Insured in respect of liability for:*
> - *Loss or damage which is foreseeable having regard to the nature of the construction work or the manner of its execution,*
>
> *[...]"*

L-enfasi tas-soċjetà konvenuta hija fuq l-ewwel parti u ċioe "*the nature of the construction work*". Targumenta li l-fatt waħdu li s-soċjetà attriċi għamlet ħajt temporanju fil-ġardina adjaċenti għall-fond li fih kien qiegħed isir l-iskavar kien ifisser li dannu soffert kien wieħed prevedibbli. Is-soċjetà konvenuta ma ġabet l-ebda prova teknika li tgħid li min-natura tax-xogħol id-dannu kien prevedibbli, anzi mir-rapport mħejji minn Chris Hayes, *Loss Adjuster* imqabbad mis-soċjetà Allcare u liema rapport qatt ma ġie kkontestat mis-soċjetà konvenuta jgħid li d-dannu ma kienx prevedibbli:

*"In the Construction Management Plan drafted by the insured's architects it was stated that "4.0 Geology: The existing geological strata is rock hence no special requirements need to be envisaged during the excavation and construction phases." There was felt to be no need for the adoption of any particular action and it is difficult to envisage what the insured could have reasonably done to detect the fault in the rock or what they might have been able to do to guard against it. In the course of discussion with Mr Grixti we asked whether bedrock was ever tested before excavations were commenced. We are advised that such testing (which involves the sinking of a probe and the extraction of core samples) is normally undertaken to ensure that the bedrock upon which a new and generally large edifice is to be founded is not underlaid by voids, caverns or loose material that may lead to the fracturing or displacement of the bedrock under load. It seems unlikely that this kind of testing would have revealed the fault in the rock responsible for the accident. In this first instance, it was situated close to the third party boundary wall and ran under the curtilage of the property. Moreover, detection in these circumstances would have been very much dependent upon chance."*[47]

Speċifikament dwar din il-kundizzjoni Chris Hayes qal li

*"The first two of the three exclusions are of no application as the loss was not foreseeable and neither was the damage suffered by the third party property superficial."* [48]

Il-Qorti però ser tgħaddi sabiex titfa' l-attenzjoni tagħha fuq l-aħħar parti ta' din il-kundizzjoni u ċioe "*Loss or damage which is foreseeable having regard to [...] the manner of its execution"*.

[47] Paġna 64 tal-proċess.
[48] Paġna 65 tal-proċess.

In tema legali, il-prinċipju ta' prevedibbilta ġie spjega mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża **Joseph Apap vs. Frank Borg pro et noe** (App Ċiv 11/2003) deċiża fit-2 ta' Ġunju 2009 bis-segwenti mod:

> "In-nozzjoni tal-*colpa* fis-sistema legali taghna hija bazata fuq il-prevedibbilita` (**Annunziato D'Amato et v. Joseph Camilleri et.**, 3 ta' Marzu 1958, Vol XL11 p1 p 74) u biex ikun hemm lok ghad-danni jehtieg li wiehed seta' jipprevedi d-dizgrazzja li kkagunat id-dannu. Il-prevedibbilita` trid tkun ta' probabilitajiet ragonevoli u mhux ta' possibilita` remotissima u inverosimili: **Francis Coleiro nomine v. Carmelo Cassar**, 24 ta' April 1964. Il-gudizzju ta' din l-prevedibbilita` fil-konkret hu mbaghad effettwat skond il-kriterji ta' dik id-diligenza u attenzjoni tal-*bonus paterfamilias* li jippreciza l-Artikolu 1032."

Filwaqt li Chris Hayes ma semma' xejn fir-rapport tiegħu dwar il-mod ta' kif kellu jsir ix-xogħol ta' skavar u kif attwalment sar; il-Perit Mario Cassar għamel referenza fir-rapport tiegħu għal mod ta' kif kellu jsir ix-xogħol u x'makkinarju kien qiegħed verament jintuża għat-tqattigħ tal-blat.

Il-Perit Mario Cassar kien ġie nominat perit tekniku mill-Maġistrat Inkwirenti. Wara li aċċeda fuq il-post dak in-nhar tal-akkadut huwa ħejja rapport li jinsab fl-atti tal-proċeduri odjerni.

Dan ir-rapport ġie maħluf mill-Perit stess quddiem din il-Qorti u l-konklużjonijiet fir-rapport tal-istess Perit jifformaw parti mill-provi f'dawn il-proċeduri ċivili. Il-Qorti hija tal-fehma li l-opinjoni tal-Perit Cassar għandha valur probatorju mhux żgħir tenut kont illi l-opinjoni tiegħu ingħatat fil-vesti tiegħu ta' espert tal-Qorti.

Fir-rapport tiegħu l-imsemmi Perit beda billi osserva li fuq is-sit fejn kien qiegħed isir l-iskavar kien hemm fost oħrajn *excavator* bir-*ripper* kif ukoll *wheel excavator* bil-musmar. Il-Perit osserva li fil-waqt li l-*excavator* bir-*ripper* kien jinsab in-naħa ta' fejn waqa' l-ħajt, l-*excavator* bil-musmar kien ipparkjat fuq in-naħa opposta ta' fejn waqa' l-ħajt. Il-Perit fil-fatt kiteb

li "mix-xhieda miġbura jidher illi l-*excavator* bir-*ripper* kien qrib hafna fejn sehh l-incident."[49] Il-Perit osserva wkoll li:-

> "kien hemm xi attività mill-exc[ev]ator [ripper] fil-punt li sar l-incident. B'dik l-arja kellha tintuża *trencher* (skont il-*method statement* tal-Perit Bondin), biss l-esponent ma jidhirlux li din intużat minn kif jidher li kien imqatta' il-blat. **L-esponent huwa tal-fehma illi l-*excavator* ma kienitx postha f'dak il-lok. Xogholha kellu jaghmlu t-trencher.**[50]
>
> Il-blat iġġarraf minhabba xi vibrazzjonijiet tal-makkinarju, jew xi tentattiv ta' *trimming* bir-*ripper* tal-istess, minn kif tindika l pożizzjoni tal-excavator. Ghalhekk hemm indikazzjoni illi fejn suppost intużat trencher intuża ripper kif indikat fir-ritratt Dok.MC2)."[51]

Minn dan ir-rapport jidher ferm ċar li x-xogħol kellu jsiru bit-*trencher* u mhux bir-*ripper*. Ta' interess partikolari huwa l-fatt ukoll li fil-*construction method statement* kien hemm speċifikament imniżżel li ser jintuża *trencher*.

Qabel tinħareġ polza t'assikurazzjoni, timtela dik li tissejjaħ *proposal form*. Il-*proposal form* hu dokument preparat mis-soċjetà assiguratriċi – jew fil-każ odjern mill-aġent – li hu maħsub biex jiffaċilita l-ġbir ta' informazzjoni u risposti dwar il-kwalità ta' riskju li hu mixtieq li jiġi assigurat. L-informazzjoni li tinġabar tinkludi wkoll il-*methodology statement*. Il-kontenut ta' din il-forma u l-informazzjoni kollha mogħtija, jifformaw għal partijiet kontraenti il-bażi tal-ftehim bejniethom. Għalhekk jekk is-soċjetà attriċi speċifikat fil-*method statement* li tqattigħ tal-blat viċin proprjeta' ta' terzi kellu jsir bit-*trencher* hija kellha tagħmel proprju dak u ma setgħetx tagħmel użu minn makkinarju ieħor. Din torbot perfettament mal-*exclusion clause* in eżami; mill-mument li s-soċjetà attriċi ma użatx it-*tremcher* kif kienet marbuta li tagħmel, skatta l-*exclusion clause*.

[49] Paġni 230 – 231 tal-proċess.
[50] Paġna 231 tal-proċess.
[51] Paġna 232 tal-proċess.

**Prevedibilita' u n-Non Osservanza tal-Method of Works Statement**.

In oltre, għandu jingħad ukoll li ġaladarba ma ntużax *trencher* kif kien ġie speċifikat fil-*method statement,* il-ħsarat saru prevedibbli, aktar u aktar meta wieħed iqis li l-prattika tajba tax-xogħol turi li viċin il-proprjetà ta' terzi għandu jintuża makkinarju li jagħmel l-anqas vibrazzjonijiet.

Ġara li fil-każ odjern intuża makkinarju li ma kienx idoneju għal xogħlijiet viċin il-proprjetà ta' terzi u għalhekk il-ħsarat saru prevedibbli.

Din il-Qorti hija moralment konvinta li s-soċjetà attriċi m'aġixxietx b'attenzjoni ta' *bonus pater familias* meta esegwit xogħol b'makkinarju differenti minn dak li informat lis-soċjetà konvenuta li kienet ser tuża. Ifisser għalhekk li f'dan ir-rigward skatat l-esklużjoni 7/11 bl-applikazzjoni tas-segwenti kondizzjoni: "*Loss or damage which is foreseeable having regard to [...] <u>the manner of its execution</u>", sottolinear tal-Qorti.*

Għaldaqstant is-soċjetà assikuratriċi konvenuta hija ġustifikata li tinvoka din l-esklużżjoni u tirrifjuta li tikkumpensa lis-soċjetà attriċi għal tali ħsara.

Il-Qorti hekk li sabet li japplika *Endorsement* 7/11, mhux meħtieġ tikkunsidra jekk tapplikax ukoll it-tielet esklużjoni imressqa mis-soċjetà konvenuta u ċioe *Endorsement* 15/11 – *Exclusion of subsidence, landslip and landslide* liema klawżola tipprovdi testwalment is-segwenti:

> *"It is hereby declared and agreed the this Policy shall any liability arising out of subsidence, landslip and land slide. Subject otherwise to the terms, exceptions, conditions and limitations of thie Policy."*[52]

[52] Paġna 162 tal-proċess.

Din il-Qorti sejra tosserva biss li l-mod kif hija miktuba din l-esklużjoni effettivament ma toffri xejn ta' sustanza iżda biss konfużżjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tiċħad l-ewwel, it-tieni u r-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta;

2. Tilqa' l-ewwel parti tat-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u tiddikjara li skatat l-esklużjoni 7/11 tal-polza ta' assigurazzjoni bin-numru CIT/CAR/1178 meta s-soċjetà attriċi naqset milli tagħmel użu mit-*tencher* waqt skavar fis-sit fi Sqaq il-Hofra, Gharghur u dan bi ksur ta' dak li ġie minnha indikat fil-*method statement*;

3. Konsegwentement tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal kwart (1/4) mis-soċjeta' konvenuta u in kwantu għal tlett kwarti (3/4) mis-soċjeta' attriċi, tenut kont illi mhux l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' konvenuta ġew akkolti.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 t'Ottubru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**